MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 681/2002

**Antonia Dalli**

**vs**

**Francis u Angiolina konjugi Deguara**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm4,225.15), rapprezentanti l-bilanc minnhom dovut ta' ammont akbar li gie versat b'self mill-istess attrici kif jidher ukoll skond kitba li saret fl-10 ta' Marzu, 1998;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri legali u tal-Mandat ta' Qbid li ntalab il-hrug tieghu fit-28 ta' Ottubru, 2002, u bl-imghax, kontra l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-2 ta’ Gunju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------